# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

21 t'Ottubru, 2009

**Minuti tal-laqgha numru 33(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 33(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru, 2009, fi 6.30 ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Kunsillier Ivan Peresso kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol filwaqt li l-Kunsilliera Miriam Grech kienet skuzata minhabba impenji ohra.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**.

1.1 Item 1.6 (32/05), Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet Kulturali ghas-sena 2010
Is-Sindku, s-Sur John Boxall, informa lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal tlett attivitajiet taht din l-iskema li kienu l-attivita "Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha, 2010", l-"Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti" u l-"BirguFest 2010".

1.2 Dwar item 1.7 (32/05), is-Sindku qal li qed isiru tahdidiet mad-Direttur tal-Kumpanija Guard & Warden sabiex terga' tigi nstallata c-CCTV camera f'Misrah ir-Rebha. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jigu nstallati CCTV camera fejn il-Bring In Site ta' Triq il-Mandragg u ta' Fuq il-Fortini. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 4 (32/05), ftuh ta' ufficju informattivi ghat-turisti fil-Birgu

Is-Sindku, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadu qieghed jistenna risposta min-naha ta' l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu.

1.4 Item 5 (32/05), impjieg fuq bazi part-time mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku, informa lil kunsilliera prezenti li saru l-interviews izda persuna wahda biss attendiet. Is-Sur John Boxall, Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jahdem mal-ETC sabiex tinhareg lista ohra t'applikanti fl-iqsar zmien possibli.

**Korrispondenza**

2.1 Korrispondenza mil-Assocjazjoni ta' l-ibliet storici fil-Mediterran fejn is-Sindku ta' Betlem stieden lis-Sindku s-Sur John Boxall sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fil-konferenza ta' din l-assocjazzjoni li ser issir bejn id-19 u l-21 ta' Dicembru, 2009, gewwa Betlem. Wara diskussjoni, il-Vici Sindku ssugerixxa sabiex ghal din il-konferenza jattendi s-Sindku s-Sur John Boxall u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku rringrazzja lil shabu il-Kunsilliera u ssugerixxa sabiex ghal din il-konferenza jigi akkumpanjat mil-Ecc. Tieghu Fra John Critien, il-kavallier residenti permeaneti fil-Forti Sant'Anglu, fejn l-istess ordni ghandha sptar f'Betlem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mil-Onorevoli Chris Said, Segretarju Parlamentari ghal Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar koperazzjoni ma' kumpanija ghal-gbid ta' films ghal attenzjoni tal-Kunsill.

2.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta kwotazzjoni minghand il-Kumpanija M-Quip ghal 12-il bins ghall-Iskola Primarja Santu Rokku ghal prezz ta' € 960.05. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li jsiru.

2.4 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija M-Quip ghal bus shelter fi Triq Joseph Mary Genuis, Fuq tal-Hawli ghal prezz ta' €4,080. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jintalbu kwotazzjonijiet ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Ittra minghand is-Socjeta Muzikali San Lawrenz fejn talbu lil kunsill informazzjoni dwar il-bini mil-gdid ta l-arlogg sabiex l-istess socjeta tkun tista' taghmel iz-zokklatura tal-plancier skond il-post adekwat. Is-Sindku qal li fil-prezent ghadhom qed isiru d-diskussjonijiet u li d-decizjoni ta' dan il-progett hija f'idejn il-Gvern Centrali.

2.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall, Sindku pprezenta lil Kunsill stedina mil-Assocjazzjoni AVEC ghal konferenza generali li ser issir gewwa Santarem, Portugal bejn it-28 t' Ottubru u l-31 t' Ottubru. Wara diskussjoni, gie ssugerit sabiex ghal din il-konferenza jattendi is-Sindku peress li huwa wiehed mil-Vici Presidenti ta' din l-Assocjazzjoni, flimkien mas-Sinjorina Christine Bonello, Segretarja Ezekuttiva. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-ktieb 'Survivors' tas-Sur Joe P. Smith, ktieb li juri l-anzjani tal-Birgu u l-istorja taghhom wasal biex ikun ippublikat u

pprezentat. Is-Sur John Boxall zied jghid li t-Treasury Development Ltd offriet donazzjoni ta' € 2,000 sabiex il-Kunsill ikun jista' jipprezenta kopja lil dawk kollha li r-ritratt taghhom jinsab f'dan il-ktieb jew il-familjari taghhom kull familja pprezentata f'dan il-ktieb. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li mis-sebgha applikazzjonijiet li gew sottomessi mil-Kunsill Lokali tal-Birgu taht l-iskema ta' "Fondi Specjali Ghal Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali", l-ebda wahda ma giet accetata.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu johrog sejha ghal offerti ghal konsulent ghal progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Ittra minghand il-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz b'risposta ghat-talba ta' kwotazzjoni mill-istess Kunsill ghal armar ta' arbli f'Misrah ir-Rebha fl-okkazjoni ta' Jum il-Birgu, 2009, fejn nfurmaw lil Kunsill li l-Kumitat lest li jarma l-imsemmija arbli izda tkun aprezzata donazzjoni xierqa min-naha tal-Kunsill. Barra min hekk, is-Sindku pprezenta wkoll, ittra minghand il-Kumitat Festi Esterni San Duminku b'risposta ghal istess talba ta' kwotazzjoni fejn nfurmaw lil Kunsill li ghal dan il-Kumitat ser ikun difficli sabiex jarmaw l-arbli tal-Kunsill ftit wara l-festa taghhom ghal Jum il-Birgu u ghaldaqstant issugerew li jithallew l-arbli taghhom ghal Jum il-Birgu u wara li jinqalaw dawn l-arbli, jitwahhlu dawk tal-Kunsill. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova l-kwotazzjoni tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz u tinghata donazzjoni ta' € 75. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Stedina mis-Sur Benoit Stievenart mil-Kunsill ta' Anderlecht fil-Belgjum, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb bhala partner fi progett taht is-sejha URBACT, il-progett Urban Cool Green. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Ittra minghand is-sur Renald Cassar, direttur tal-kumpanija *d-centre entertainment*, fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex nhar il-Gimgha 9 t'Ottubru, 2009, gewwa Gnien il-Kunsill, il-post maghruf ahjar bhala l-Foss, jorganizza bil-kollaborazzjoni ta' l-istess Kunsill, kuncert tal-grupp Tribali. Is-Sur Cassar, offra ukoll donazzjoni ta' € 2000 lil Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa', japprova u ma jsib l-ebda oggezjoni ghal din it-talba. Il-kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. BirguFest 2009.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ta' rendikont tal-preparamenti kollha li qeghdin isiru ghal attivita tal-BirguFest 2009 li ser issir bejn id-9 u l-11 t' Ottubru, 2009. wara diskussjoni , is-Sindku ssugerixxa sabiex l-ghaqdiet, s-socjetajiet, l-kazini u l-hwienet li ser jarmaw xi tip ta' stand f'dawn il-jiem ghandhom jghatu donazzjoni ta' hamsin ewro (€ 50) sabiex bihom jittafew xi ftit mil-ispejjez ghal dawn l-attivitajiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

4. **Rapport Finanzjarju – Jum il-Birgu, 2009.**

Is-Sindku, pprezenta rendikont dwar l-attivitajiet ta' Jum il-Birgu, 2009. Is-Sindku, s-Sur John Boxall stqarr li n-nefqa totali ghal attivita ta' "Jum il-Birgu, 2009" kienet ta' € 423.82.

5. **Il-UEFA mini pitch fl-Iskola Primarja Santu Rokku .**

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-UEFA Mini Pitch fl-iskola Primarja Santu Rokku jinsab lest. Is-Sindku stqar li l-Kunsill ghandu jsejjah laqgha mal-Kumitat tal-Vittoriosa Stars Youth Nursery sabiex jigu stabbiliti xi regolamenti dwar l-uzu ta' dan il-mini pitch, fosthom li dan ghandu jintuza biss mit-tfal ta' ghaxar snin l-isfel. Barra min hekk, il-pitch wara kull sezzjoni jew attivita jrid jithalla nadif, kif ukoll li l-kumitat huwa responsabbli mill-uzu tad-dawl. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

6. **L-Attivita "Festival Loghob Tradizzjonali Malti".**

Is-Sindku nforma li din l-attivita li ser titella' bil-kollaborazzjoni tal-Heritage Malta, vis a vi il-Palazz ta' l-Inkwizitur ser issir nhar il-Hadd 15 ta' Novembru, 2009. Is-Sur John Boxall, fakkar lil Kunsilliera, li ghal din l-attivita l-Kunsill ibbenefika mill-iskema ta' l-attivitajiet Kulturali fil-Lokalita mahruga mid-dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn is-somma ta' Finanzjament ghal din l-attivita hija ta' € 5,500. Is-Sindku zied jghid li ghal ebda raguni din is-somma m'ghandix taccedi.

7. **Decizjoni dwar it-tender tal-knis u tindif tat-toroq.**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li din is-sejha ghalqet nhar l-Erbgha 9 ta' Settembru, 2009 u ntefghu 3 applikazzjonijiet. Dik tas-Sur Felix Grech u Domnic Sciberras ghal prezz ta' € 43,300, dik tas-Sinjorina Annalise Farrugia ghal prezz ta' € 30,000 u dik tas-Sur Alexander Fenech ghal prezz ta' € 42.650. Wara diskussjoni, s-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' l-offerta tas-Sur Alexander Fenech li ghalkemm ma kienetx l-irhas offerta, s-Sur Fenech joffri servizz tajjeb u mill-aqwa. Barra min hekk, kemm ilu is-sur Fenech, jaghmel dan it-tip ta' xoghol fil-Birgu kienu ftit l-ilmenti li l-Kunsill ircieva. Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu

8. **Affarijiet Ohra.**

8.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku ppropona sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Christopher Cassar, Vici Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fid-8:30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |